Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Frar 2015
(OR. en)

5683/15

LIMITE

PESC 86
RELEX 68
COAFR 33
CONUN 16
COARM 25
FIN 83

PUBLIC

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 356/2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/...**

**ta' …**

**li jimplimenta l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 356/2010
li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi
diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi,
entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010 tas-26 ta' April 2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

[1] ĠU L 105, 27.4.2010, p. 1.

Billi:

(1) Fis-26 ta’ April 2010, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 356/2010.

(2) Fid-19 ta’ Diċembru 2014, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, stabbilit bis-saħħa tar-Riżoluzzjonijiet 751 (1992) u 1907 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, ħassar persuna waħda mil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbiliti fil-paragrafi 1, 3 u 7 tar-Riżoluzzjoni 1844 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà.

(3) L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 356/2010 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 356/2010 huwa b'dan emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**ANNESS**

L-entrata fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 356/2010 għall-persuna li ġejja hija mħassra:

Mohamed SA'ID